**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2567**

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3331/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Saviour Attard (220756M)**

**u**

**Palm City Limited (C34113)**

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 5 ta' Diċembru 2018

**Preliminari**

Ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn spjega li kien ilu mpjegat mas-soċjeta` Palm City Ltd (C34113) fuq bażi full time bħala *Electrical Technical Supervisor* ġewwa 'Palm City' Tripoli il-Libja sa mis-7 ta' Settembru 2011. Dan l-impjieg ġie terminat permezz ta' ittra datata 28 ta' Settembru 2014. Ir-rikorrent jallega li mill-klassi ta' *supervisors* jaħdmu f'Palm City, l-impjieg tiegħu biss ġie terminat. Ir-rikorrent kien wera ix-xewqa tiegħu mas-soċjeta` ntimata biex jibqa' fl-impjieg iżda dan ġie rifjutat. Għalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal biex tiddikjara li terminu tal-impjieg sar mingħajr raġuni valida fil-liġi, tordna r-*reinstatement* taħt l-istess kundizzjonijiet ta' *supervisors* oħrajn u f'każ li t-Tribunal ma tordnax *reinstatement*, tordna lis-soċjeta` ntimata tħallas kumpens kif likwidat minn dan it-Tribunal.

Is-soċjeta` ntimata Palm City ddikjarat li t-tmiem tal-impjieg tar-rikorrent kien riżultat tal-avvenimenti u sitwazzjoni politika turbolenti ġewwa l-Libja. Dan il-pass wasal wara li is-soċjeta` ordnat lill-impjegati, salv għal *skeleton staff* biex jagħmlu użu mil-*leave* tagħhom bit-tama li s-sitwazzjoni titjieb, iżda s-sitwazzjoni fil-Libja marret iktar għal ħażin. Għalhekk il-kumpanija ma kelliex għażla ħlief li tieħu miżuri. Offriet li flok li tissensja l-ħaddiema dawn joħorġu fuq *unpaid leave*. Ir-rikorrent kien l-unika wieħed li rrifjuta. Għalhekk is-soċjeta` ntimata kienet kostretta tittermina l-impjieg permezz ta' ittra datata 28 ta' Settembru 2014. Sussegwentament ir-rikorrent permezz tal-avukati tiegħu għamel talba biex jerġa jiġi *re-instated* fuq *unpaid leave*. Is-soċjeta` aċċettat u fid 29 ta' Ottubru ġi *re-instated*. Iżda fit-13

ta' Diċembru is-soċjeta` rċeviet email mill-avukat tar-rikorrent fejn ġiet infurmata li rikorrenti iddeċieda li jirtira t-talba ta' *re-instatement*. Kien għalhekk li s-soċjeta` neħħiet lir-rikorrent minn fuq il-kotba tagħha.

It-Tribunal laqa' it-talba tas-soċjeta` ntimata biex l-ewwel tiġi trattata l-eċċezzjoni sollevata li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent effettivament seħħet minħabba riżenja da parti tal-istess rikorrenti.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Is-Sur Reuben Xuereb, Chairman u CEO tas-soċjeta` ntimata spjega l-operat tas-soċjeta` fil-Libja permezz tal-kumpless Palm City. Spjega wkoll li fl-2011 kien hem diġà kunflitt u l-kumpanija adottat l-istess strateġija, dik ta' *unpaid leave* għall-ħaddiema u peress li l-kunflitt ma damx ħafna min kien għadu bla mpjieg fiss, dawn reġgħu bdew jaħdmu fil-kumpless Palm City. Spjega li il-kunflitt li reġa beda fl-2014 kien ħafna iktar gravi minn dak tal-2011 u għalhekk kellhom jerġgħu jadottaw l-istess strateġija. Spjega li jibqgħu jaħdmu bi *skeleton staff* għas sempliċi raġuni biex ma jabbandunawx il-binja nkella din tinħataf.

Is-Sur Xuereb spjega li Sur Attard irrifjuta li jaċċetta li jkun on *unpaid leave* u talab li jerġa' jintbagħat il-Libja iżda hu stess spjegalu li ma kienx hemm bżonn li jerġa' jmur il-Libja. Ġie spjegat li wara laqgħa bejn is-Sur Attard u l-avukati tiegħu mal-kumpanija ntimata, is-Sur Attard aċċetta li ir-*redundancy* tiġi *reversed* u jerġa jiddaħħal fuq il-kotba tal-kumpanija. Biss is-Sur Attard reġa' biddel il-ħsieb u ma riedx jibqa' fuq *unpaid leave* u għalhekk il-kumpanija kienet qed tieħu din id-deċizjoni bħala riżenja.

Is-Sur Morgan Azzopardi ikkonferma d-dettalji li ingħataw mis-Sur Xuereb. Il-kumpanija l-ewwel offiet lis-Sur Attard biex jibqa' fuq il-*payroll* tal-kumpanija fuq *unpaid leave*. Biss meta s-Sur Attard baqa' ma ddeċidiex il-kumpanija ħarġet ittra ta' *redundancy*. Is-Sur Attard flimkien mar-rappreżentanti legali tiegħu iltaqa' mal-kumpanija u talab *reversal* tar-*redundancy*. Din ġiet aċċettata bil-patt li jkun fuq *unpaid leave*. Is-Sur Azzopardi żied jgħid li peress li meta ħarġet l-ittra tar-*redundancy* il-kumpanija kienet ħarġet ukoll ħlas tan-*notice* lis-Sur Attard, verbalment kienet saret talba lis-Sur Attard biex jirrifondi dak il-ħlas issa li kienet saret *reversal*. Is-Sur Azzopardi xehed ukoll li wara dan kollu kienet saret talba mir-rikorrent biex jerġa' jitla' l-Libja għall-affarijiet personali tiegħu. Dan ma kienx possibbli minħabba li l-visa kienet skaduta u fiċ-ċirkostanzi ma kienx faċli li wieħed jagħmel l-arranġamenti. Biss il-kumpanija offriet li tibgħat hi stess l-affarijiet. Kienet saret talba oħra mir-rikorrent biex jara jekk fil-frattemp sakhemm idum fuq *unpaid leave* ikunx jista' jaħdem. Il-kumpanija ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. Fit-13 ta' Diċembru il-kumpannija rċeviet kommunikazzjoni mill-avukat tas-Sur Attard li dan tal-aħħar kien qed jiġbed lura id-deċizjoni tiegħu u għalhekk din ittieħdet li allura hu qed jaċċetta li jispiċċa' *redundant*. Kien hawn li l-kumpanija għamlet il-proċeduri ta' tmiem ta' mpjieg mal-awtoritajiet Libjani. Is-Sur Attard kien għadu fuq il-kotba tal-kumpanija sad 29 ta' Diċembru 2014.

Fix-xhieda tiegħu is-Sur Ivan Refalo ikkonferma ix-xhieda ta' qablu . Żied jgħid li ġia ladarba is-Sur Attard reġa biddel id-deċiżjoni fuq ir-*reverasal* tar-*redundancy* allura ġiet meqjusa bħala *effective resignation*.

Xehed is-Sur Attard fejn ikkonferma li l-kumpanija Palm City kienet offriet li żżommu fuq il-kotba tagħha fuq *un paid leave* iżda hu rrifjuta. Sussegwentement kien irċieva ittra ta' sensja iżda wara laqgħa mas-Sur Xuereb fil-preżenza tal-avukat tiegħu kien irreveda id-deċiżjoni tiegħu u l-kumpanija reġgħat poġġietu fuq il-kotba tagħha però *unpaid leave*. Is-Sur Attard ikkonferma li wara li reġa' irrifletta ħaseb li ma jaqnillux jibqa' f'dik is-sitwazzjoni u permezz tal-avukat tiegħu informa b'dan lill-kumpanija.

Is-Sur Attard xehed ukoll li fiż-żmien li hu kien impjegat tal-kumpanija Palm City hu kien iħallas il-kontribuzzjoni soċjali hu hawn Malta waqt li l-kumpanija kienet tħallas l-INAS ġewwa l-Libja.

Xhedu wkoll is-Sur Sean Meli rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u s-Sur Joseph Saliba rappreżentant ta' Jobs Plus.

**Sinteżi tat-trattazzjoni**

Waqt it-trattazzjoni is-soċjeta` intimata saħqet li s-Sur Attard kien effetivament irriżenja hu peress li permezz tal-*email* datata 13 ta' Diċembru 2014 kien talab li jirtira it-talba tiegħu għal *re-instatement*. L-Av. Briffa għas-soċjeta` intimata saħaq li permezz tal-ftehim li ntlaħaq fil-31 ta' Ottubru 2014 u l-iffirmar tal-ittra li r-rikorrent kien ingħata fid-29 ta' Awwissu, id-deċizjoni tat-28 ta' Settembru 2014 kienet ġiet imħassra, qisha qatt ma eżistiet. Żied jgħid li l-kumpanija Palm City komplit tħallas l-INAS u l-polza ta' assigurazzjoni tas-Sur Attard reġgħet ġiet attivata. Saħaq li għalhekk ir-*redundancy* kienet effetivament tħassret. Irrefera għal email fil 31 ta' Ottubru 2014 mill-avukat Ivan Mifsud fejn qal '*we appreciate your efforts to reverse the redundancy*' u għalhekk effettivament aċċetta li kien hemm *reversal* tar-*redundancy*. Ikkwota wkoll mill-email tat-13 ta' Diċembru 2014 fejn l-avukat tas-Sur Attard qal '*he has decided to withdraw his request to be reinstated*' . L-Av. Briffa saħaq li din kienet effetivament riżenja għaliex ma kien hemm l-ebda intervent jew deċizjoni tal-kumpannija. Saħaq li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg bejn il-partijiet seħħet għaliex permezz tad-deċizjoni unilaterali tiegħu, tat-13 ta' Dicembru tal-2014 is-Sur Attard għazel illi jwaqqaf dik ir-relazzjoni ta' mpjieg u allura effettivament hija t-terminazzjoni tal-impjieg unilaterali da parti tar-rikorrent, riżenja.

Fit-trattazzjoni tiegħu l-Av. Cilia għar-rikorrent ikkwota mill-każ 2829/FM, Mark Buhagiar vs Gozo Express Services Limited fejn intqal *'Ir-riżenja mill-impjieg fiha nnifisha ma tridx tkun ekwivoka. Anzi għandha tkun limpida fiċ-ċarezza tagħha. Trid tkun fuq kollox ġenwina, espliċita, awtentika, magħmula volontarjament u preferibbilment bil-miktub.'* L-Av. Cilia saħaq li jekk hemm xi dubju dwar riżenja dan għandu jmur favur l-impjegat. Il-pożizzjoni tal-

attur hi li ir-reversal tad-deċiżjoni ħadet lura lill-attur għar-*redundancy* u li hu jisħaq li ma kinitx ġusta għax il-kumpanija ma mxietx bil-prinċipju ta' *last in first out*.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

F'dan l-istadju it-tribunal kellu jiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta` intimata, dik jekk effetivament kienx hemm riżenja jew *redundancy* tas-Sur Attard. It-Tribunal jinnota illi l-kunsiderazzjoni prinċipali li ried jagħmel kienet li jiddeċiedi jekk l-ittra tat-13 ta' Diċembru 2014 kinitx tikkostitwixxi riżenja jew le. Ir-rikorrent, fl-imsemmija email qal li '*he has decided to withdraw his request to be reinstated'*. In riassunt, ir-rikorrent l-ewwel kien sar *redundant*, wara talab li jiġi *reinstated* u wara reġġa' lura dik it-talba għal *reinstatement*. Għaldaqstant ġialadarba r-rikorrent talab li jreġġa' lura t-talba għar-*reinstatement* huwa mar lura fis-sitwazzjoni li kien qabel saret din it-talba u ċjoe *redundant,* u ma jidhirx illi kien hemm riżenja min-naħa tar-rikorrent.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal jiddeċiedi illi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta intimata u jordna t-tkomplija tas-smiegħ tal-każ.

**(iffirmata)**

Dr. Charmaine Cristiano Grech LL.D.

Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju